**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**ONOR. IMHALLEF ANTHONY GIOVANNI VELLA B.A., LL.D., M.A.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 29 ta' Awissu, 2018**

**Rikors nru: 760/18 AGV**

**Av.Bernard Grech ghan-nom u in rapprezentanza**

**ta' A**

**Vs**

**B ,C, D,**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors b'urgenza ipprezentat mill-attur nomine, li permezz tieghu ppremetta :-

Illi A twieled lil C nhar l-10 ta' Mejju tas-sena 1978 gewwa Attard, Malta.

Illi C kienet mizzewwga lil B (Dok.BS1 (Dok.BS2) meta twieled A, u ghalhekk B gie registrat bhala l-missier naturali tal-esponenti fl-att tat-twelid tieghu (Dok BS3);

Illi sussegwentement C kienet iddivorzjat lil B u zzewwget lil H (Dok.BS 4).

Illi kemm A, kemm ommu C, kif ukoll l-intimat B ilkoll jafu illi B mhuwiex il-missier bijologiku u naturali tal-esponenti (Dok.BS5);

Illi fil-fatt, l-esponenti u l-intimat Dikkonducew testijiet tad-DNA, illi minnhom jirrizulta illi l-probabilita' illi l-esponenti huwa ibnu hija ta' 99.9902% (Dok.BS6);

Illi kemm A, kif ukoll l-intimati kollha eccetto d-Direttur tar-Registru Pubbliku jafu illi l-missier bijologiku tal-esponenti huwa D.

Illi fid-dawl ta' dan kollu A jixtieq illi l-intimat B ma jibqax aktar iddikjarat bhala l-missier bijologiku tieghu fuq l-estratt tat-twelid tieghu, izda minflok jigi mnizzel li l-missier naturali u cioe' D (Dok.BS7);

Illi A ghamel pjanijiet li jizzewweg anke bil-Knsija fl-Iskozja fis-27 ta' Ottubru, 2018, izda malli mar biex jirregistra r-rieda li jizzewweg, sab ostakolu stante li hemm diskrepanza bejn ic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat bahal Dok BS2 u c-certifikat tat-twelid tal-Knsija stante li fih hemm mnizzel bhala iben D;

Illi ghalhekk huwa jinsab ippreokkupat ferm peress li r-registrazzjoni ssir 12-il gimgha qabel u ghalhekk jaf ma hemmx zmien bizzejjed u jispicca jisfratta z-zwieg u jitlef hafna flejjes li lahaq ghamel f'depoziti;

Illi huwa jinsab f'din il-posizzjoni difficli minhabba li qatt ma haseb li d-diskrepanza fic-certifikati tat-twelid ser tohloq tali problema;

Illi ghalhekk huwa jixtieq u qieghed jittama li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi dan il-kaz b'urgenza billi anke jekk hemm bzonn u possibbli takkorcja l-perjodi ta' risposta stante li huwa jaf li hadd mill-intimati ma ghandu oggezzjoni u/jew difiza anzi jaf fic-cert li l-intimat B jaqbel ma' dan (DOK.BS4) u l-intimati D u C jaqblu ma' din il-kawza u ser jirregistraw dan b'risposta minnufih;

Talab in vista tas-suespost, li l-konvenuti  jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tiddikjara illi A huwa l-iben naturali u bijologiku ta' D;
2. Tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-estratt tat-twelid tal-esponenti li jgib in-numru 4404 tas-sena 1978 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens li jigu sostitwiti l-kliem B bil-kliem D;
3. Tordna illi jsiru l-korrezzjonjiet mehtiega fl-estratt tat-twelid tal-esponenti li jgib in-numru 4404 tas-sena 1978 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens illi kunjom l-esponenti jigi jaqra "Farrugia";
4. Tordna li jsiru l-korrezzjonjiet mehtiega fl-estratt tat-twelid ta' A sabiex l-antenati paterni tieghu ikunu jirriflettu l-antenati paterni ta' D;
5. Illi b'nota r-rikorrent nomine talab li tizdied it-talba li l-isem "A" ghandu jinbidel ghal E.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa illi: -

1. Illi preliminarjament, l-esponent ecepixxa illi mill-atti jjidher li hemm nieqsa l-prokura necessarja li tipprovdi li l-Avukat Bernard Grech huwa awtorizzat sabiex jipprocedi b'din l-azzjoni ghan-nom u in rapprezentanza ta'A;
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jecepixxi ukoll illi l-attur ma ddikjarax abbazi ta' liema artikolu tal-ligi qed tigi msejsa din l-azzjoni. Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-attur ghandu jaghmel dan, filwaqt li l-istess esponent bil-permess gentili ta' din l-Onorabbli Qorti jirrizerva d-dritt tieghu li jissolleva eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;
3. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jeccepixxi illi qabel ma tigi trattat l-paternita' tal-attur A, ghandha tigi meghluba l-presunzjoni legali mahluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentament ghal din l-Onorabbli Qorti jigi ppruvat li l-pussess ta' stat tieghu ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu stess;
4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;
5. Illi stante tali proceduri jittrattaw *denegata paternita'* , l-atturi sussegwentement jehtigilhom illi jippruvaw u jissodisfaw wahda mir-rekwiziti li jelenka l-Artikolu 77 tal-Kodici Civili. Ghal dan il-ghan jidher li l-attur annetta mar-rikors guramentat tieghu kopja tar-rapport tat-test genetiku li sar li juri li l-attur huwa l-iben naturali tal-konvenut D. F'dan l-istadju jonqos biss illi tali rapport jigi mahluf mit-tekniku li hejja l-istess rapport;

6. Illi f'dan l-istadju ukoll, l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-attur u dan a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Illi subordinatament u dejjem bla hsara ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet *"the said"* li jinsabu qabel isem B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom jigu kancellati mill-Atti tat-Twelid ta' A;
8. Illi finalment u minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' ghagir tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u ghaldaqstant huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti;
9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjes kontra l-attur li qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tad-Direttur tar-Registru Pubbliku gew issorvolati.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Fatti</u>**

Rat x-xhieda ta' Dr.Christopher Farrugia li kkonferma li kien ha kampjun orali minn fuq il-missier putattiv D u minn fuq A u mbaghad dawn inghataw lil Dr.Marisa Cassar ghall-analizi tal-profili genetici.

Rat x-xhieda ta' B , li kkonferma li mhuwiex il-missier naturali tar-rikorrent, filwaqt li kkonferma l-pretensjonijiet tal-istess.

Rat x-xhieda ukoll ta' D u C.

Rat x-xhieda ta' Dr. Marisa Attard li kkonfermat li kienet ghamlet it-testijiet ta' DNA ta' A u D u rrizultalha li dan tal-ahhar huwa l-missier naturali ta' A.

## Konsiderazzjonijiet fil-Meritu

L-esponent twieled mill-intimata C fl-10 ta' Mejju, 1978, fejn gie registrat fic-certifikat tat-twelid bhala A[1].

L-esponent qed jitlob li jigi dikjarat bhala l-wild naturali u bijologiku tal-intimat D u li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi ordnat jemenda l-att tat-twelid 4404/1978, billi l-istess rikorrent ma jibqax imnizzel bhala bin Bu li aktar minn hekk isir maghruf bhala E ,u cioe' li jsir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tieghu u kunjomhu jigi sostitwit minn F ghal " G.". Ir-rikorrent annetta mar-rikors guramentat l-Att tat-Twelid tieghu u DNA test b'konferma li B mhux il-missier naturali tieghu.[2]

Binnifsu kkonferma li huwa mhuwiex il-missier naturali u bijologiku tar-rikorrent, u dan aktar u aktar gie kkonfermat mix-xhieda ta' Dr.Marisa Cassar li wara li zammet it-testijiet tad-DNA rrizultalha li D huwa l-missier naturali tar-rikorrent A.

Il-kawza odjerna hija msejsa fuq l-**Artikolu 70 et sequitur tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi dwar is-sitwazzjonijiet partikolari meta r-ragel jista' jichad li 'jaghraf it-tifel' imwieled minn martu. Dawn huma jekk bejn it-300 jum u l-180 jum qabel it-twelid tal-wild hu kien fl-impossibilta' fizika li jghammar ma' martu; jekk fl-istess zmien kien mifrud minnha *de facto* jew legalment; jekk fl-istess zmien kien impotenti; jekk fl-istess zmien jipprova li martu kkommettiet adulterju. Il-provi jistghu jkunu ukoll testijiet genetici u xjentifici li jeskludu dik il-paternita'.

Skont is-subinciz (2) tal-istess artikolu d-dikjarazzjoni tal-omm li zewgha mhux missier it-tifel ghandha tinghata konsiderazzjoni fil-kawza li tkun tirrigwarda l-eskluzjoni tal-paternita' tar-ragel.

Dwar il-pussess tal-Istat ta' Wild Legittimu l-**Artikoli 80 u 81 tal-Kap 16** jipprovdu kif gej:-

**Artikolu 80**:

(1) Il-pussess tal-istat ta' iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.

[1] Ara Dok. BS 3
[2] Ara Dok. BS 3 u Dok.BS 6.

(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:

(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li hu l-iben;
(b) illi l-missier ikun ittrattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita', haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;
(c) illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;
(d) illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja.

L-**Artikolu 81 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

(1) Hadd ma jista jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben mnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.
(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu.

Fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, "*l'azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e' inamissibile*" (**Vol.XXIX P1 p 427**). Il-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili hi li "*l-iben mnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu*". Jinsab pacifikament stabbilit illi *"din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma ukoll mill-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att".* (**Vol. XXXVII P II p 768**).

Dan ifisser li meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kap 16, cioe' l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, f'dak il-kaz, l-paternita' legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi kif jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili.

Bl-azzjoni proposta l-attur qed jattakka l-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li meta tarbija titwieled minn mara mizzewga li tkun ikkoncepiet lit-tarbija matul iz-zwieg, il-presunzjoni legali hi, eccetto l-eccezzjonijiet kontemplati mill-ligi, illi l-wild huwa iben ir-ragel tal-omm li weldet it-tarbija.

L-**Artikolu 67 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".

Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, "**mater semper certa est".** Il-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Grima vs Josianne Grima et**", kawza ta' denegata paternita', deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012 ntqal:-

*"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha illum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-artikolu 81(2) (Kap.16), u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att tat-twelid tieghu".*

Fil-kawza fl-ismijiet " **Diane Lia noe vs Mohamed Melikechi et**" deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 intqal:-

*"Dwar il-filjazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta'azzjonijiet:- (a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew 'de negata paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel (Artikolu70); (b) L-impunjattiva tal-istat legittimu prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess fil-kazijiet f'dawn id-disposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni ssir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75); (c) Ir-ricerka tal-paternita' li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza ukoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk previst fl-Artikolu 85".*

Fil-kaz in ezami, ir-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni li hu mhux bin l-intimat B, izda bin l-intimat D. Hu annetta DNA Report mar-rikors guramentat li pero' sussegwentement gie segwit minn rapport li gie pprezentat minn Dottor Marisa Cassar, fejn wara li zammet it-testijiet genetici, waslet ghall-konkluzjoni li D huwa l-missier naturali tar-rikorrent A.[3]

L-intimata C tammetti ukoll illi A mhux wild B, izda huwa wild ta' D.

Jirrizulta xjentifikament ghalhekk li r-rikorrent mhux bin l-intimat B, izda l-missier naturali u biologiku tieghu huwa l-intimat D u konsegwentement

[3] Ara affidavit u rapport ta' Dr.Marisa Cassar.

t-talba tieghu ghal tali dikjarazzjoni u korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tieghu jirrizultaw ppruvati  u ghandhom jigu milqugha.

**Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku**.

Dwar l-Eccezzjoni ta' Pusssess ta' Stat.

Jirrizulta mid-dokumenti esebiti, kif ukoll mit-testijiet tad-DNA, li A ma kienx wild biologiku tal-intimat B, li dak iz-zmien li twieled, kien mizzewweg lill-ommu. Isegwi ghalhekkk illi gie sodisfacentement ippruvat illi r-rikorrent ma jipposjedix stat li hu konformi mal-att tat-twelid tieghu.

Dwar il-kunjom li ghandu jassumi r-rikorrent, jidher li m'hemmx opposizjoni li minn "F," ic-certifikat tat-twelid jinbidel ghal "G."

Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra, l-mertu taghhom gie indirizzat bir-rizultanzi tal-perizja xjentifika.

Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, tenut kont illi r-rikorrent kien iddikjara li kien qieghed jezenta lid-Direttur tar-Registru Pubbliku mill-ispejjes tal-proceduri odjerni, dina l-Qorti se tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku :-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li A huwa l-iben naturali u biologiku ta' D;

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jemenda l-att tat-twelid 4404/1978 sabiex ir-rikorrent  ma jibqax imnizzel bhala bin "B," izda li dan l-isem u kunjom jigu sostitwiti bil-kliem "D";

3.Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u tordna li jsiru korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid 4404/1978, mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens li kunjom ir-rikorrent ma jibqax "F," izda jigi sostitwit bil-kunjom "G";

4.Tilqa' r-raba' talba u tordna li jsiru l-korrezzjonjiet fl-Att tat-Twelid 4404/1978, mid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex l-antenati paterni tieghu jkunu jirriflettu l-antenati paterni ta' D.

5.Tilqa' ukoll is-seba' eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens li kull fejn hemm il-kliem "*the said* ´li jinsabu qabel l-isem B, senjatament taht  il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid ta'A.

Spejjes jibqghu bla taxxa stante li r-rikorrent ezenta lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku mill-ispejjes.

Ft. Dr. Antonio Giovanni Vella
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur